MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2011

Numru 972/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Buhari**
**Farid Setiawan**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Buhari ta’ tnejn u tletin (32) sena, iben Rohmani u Katira, imwieled l-Indonesia fis-17 ta' Awissu 1979, u joqghod fuq il-lanca bl-isem In Nagma l-Bajda prezentement irmiggjata fil-Marsa u detentur ta' passaport Indonesjan bin-numru A0706929 u ta’ Farid Setiawan ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Sutent u Kristiani, imwieled l-Indonesja fis-7 ta' Dicembru 1987, u joqghod fuq il-lanca bl-isem In Nagma l-Bajda

presentement irmiggjata fil-Marsa u detentur ta' passaport Indonesjan bin-numru P190631, talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda, flimkien ma persuna/i ohra, f'dawn il-gzejjer matul ix-xhur ta' qabel it-18 ta' Awissu 2011, fil-hinijiet ta' matul il-lejl, ikommettew serq ta' 'Diesel Fuel' liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix- xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tal-projetarji tal-iskuna bl-isem In-Nagma l-Bajda u/jew persuna/i ohra;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' imputati ghall-imputazzjoni migjuba kontrihom, il-Qorti ssib lill-istess imputati hatja tar-reat addebitat lilhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 18, 31, 261, 267, 268, 270, 271, 279 u 280(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lil kull wiehed miz-zewg imputati ghal perijodu ta' sentejn (2) habs, izda billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, u partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputati irregistraw amissjoni bikrija, hemm lok li l-imsemmi terminu ta' prigunerija jigi sospiz, u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija impost fuq kull wiehed

miz-zewg imputati qed jigi sospiz ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabilità taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------